IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 20.10.2008
KUMM(2008) 659 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

ID-19-IL RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FONDI STRUTTURALI (2007)

{SEG(2008) 2649}

WERREJ

1. Introduzzjoni 3
2. Analiżi tal-Implimentazzjoni 4
3. Konsistenza u Koordinazzjoni 8
4. Valutazzjonijiet 10
5. Kontrolli 10
6. Kumitati li Jgħinu lill-Kummissjoni 12

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

ID-19-IL RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FONDI STRUTTURALI (2007)

Dan ir-rapport huwa ppreżentat b'konformità mal-Artikolu 45(2) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali. Dan ikopri l-attivitajiet marbuta mal-għajnuna tal-Fondi Strutturali 2000-2006 matul l-2007.

Aktar informazzjoni dettaljata hija disponibbli fid-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni (anness ma' dan ir-rapport).

1. INTRODUZZJONI

L-2007 kienet it-tmien sena ta' implimentazzjoni marbuta mal-perjodu ta' programmar 2000-2006 li matulu kompliet l-amministrazzjoni għaqlija u effiċjenti tal-programmi u l-proġetti tal-Fondi Strutturali. B'kollox tmexxew 659 programm fl-2007[1].

Komplew isiru sforzi sinifikanti biex togħla l-kwalità ta' programmi u proġetti kofinanzjati mill-Fondi Strutturali. L-infurzar tal-amministrazzjoni, kontroll u valutazzjoni finanzjarji kkontribwixxa wkoll għall-promozzjoni ta' governanza tajba tal-programmi u l-proġetti kofinanzjati. Il-mudell ta' sħubija mwaqqaf bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-programmi kiseb suċċess eċċezzjonali.

L-Istati Membri u r-reġjuni bi programmi ta' rati għolja ta' eżekuzzjoni jistgħu jibdew it-tħejjija għall-għeluq tal-għajnuna. Il-qafas ġenerali għall-għeluq tal-għajnuna tal-Fondi Strutturali 2000-2006 ġie stabbilit bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 3424 fl-2006.

Minbarra l-implimentazzjoni ta' programmi u proġetti tal-Fondi Strutturali 2000-2006 kif ukoll it-tħejjija għall-għeluq tagħhom, is-servizzi tal-Kummissjoni kienu involuti sew fit-tħejjija u fl-ipprogrammar tal-perjodu 2007-2013 matul l-2007. Ġew konklużi negozjati fuq total ta' 27 qafas ta' referenza strateġika nazzjonali u 428 programm (311 FEŻR - Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, 117 FSE – Fond Soċjali Ewropew) matul is-sena[2].

Biex ikun jista' jintwera l-valur miżjud tal-politika ta' Koeżjoni Ewropea, matul l-2007 tnediet il-valutazzjoni ex-post tal-programmi 2000-2006 tal-Objettivi 1 u 2. Saret ukoll ħidma preparatorja fuq it-tfassil tal-valutazzjonijiet ex-post tal-INTERREG u l-URBAN.

---

[1] 226 Objettiv 1 u Objettiv 2, 47 Objettiv 3, 12 FIFG (barra l-Objettiv 1), 81 INTERREG, 71 URBAN, 27 EQUAL, 73 LEADER+ u 122 programm ta' Azzjonijiet Innovattivi.

[2] Ara l-Komunikazzjoni dwar ir-riżultati tan-negozjati fuq l-istrateġiji u l-programmi għall-perjodu ta' programmar 2007-2013

Skont l-Inizjattiva "*Reġjuni lejn Bidla Ekonomika*", il-Kummissjoni kienet attiva fl-infurzar mill-ġdid tal-identifikazzjoni ta' proġetti ta' prassi tajba f'oqsma differenti ta' mmodernizzar ekonomiku permezz ta' attivitajiet ta' netwerk u billi ħeġġet it-tixrid għall-programmi operattivi prinċipali.

F'Ottubru 2007, il-Kummissjoni organizzat flimkien mal-Kumitat tar-Reġjuni, "il-Ġimgħa Ewropea tar-reġjuni u l-ibliet" tal-OPEN DAYS. L-avveniment, bil-motto "*Niksbu r-riżultati: ir-reġjuni jipproduċu t-tkabbir u l-impjiegi*", attendew għalih aktar minn 5 500 parteċipant minn 34 pajjiż u 212-il reġjun. .

Fit-28-29 ta' Ġunju 2007, Potsdam ospita l-konferenza 'Il-50 sena Anniversarju tal-Fond Soċjali Ewropew – Reviżjoni u Prospetti'. Dan kien l-avveniment uffiċjali tal-50 sena anniversarju għall-Fond Soċjali Ewropew.

2. ANALIŻI TAL-IMPLIMENTAZZJONI

2.1. Implimentazzjoni tal-Baġit

2.1.1. FEŻR

F'termini ta' eżekuzzjoni baġitarja, l-2007 kienet sena eċċezzjonali. Ir-rata ta' eżekuzzjoni globali ta' approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet tal-FEŻR laħqet 99.9 %, filwaqt li l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet kien ogħla minn qatt qabel, b'EUR 17.4 biljun għall-programmi tal-2000-2006. Għall-Objettivi 1 u 2 u l-Inizjattivi Komunitarji, intlaħqet l-implimentazzjoni sħiħa tal-approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet. Barra minn hekk, il-programmi tal-Objettiv 1 urew domanda ogħla għal rimborżi minn dik imbassra fil-bidu u b'hekk pattew għall-ħlasijiet bil-quddiem lill-programmi ġodda li l-adozzjoni tagħhom seħħet fl-aħħar ta' Diċembru 2007 jew ġiet posposta għall-2008.

Fi tmiem l-2007, l-impenji minn snin preċedenti li għalihom kien għad iridu jsiru ħlasijiet (RAL) ammontaw għal EUR 27.7 biljun meta mqabbla ma' EUR 45.8 biljun fl-2006).

Fl-2007 għal darb'oħra, ir-regola dwar id-diżimpenn awtomatiku ("n+2") wriet li hija għodda effiċjenti biex tħeġġeġ lill-Istati Membri jiddedikaw riżorsi u sforzi għat-twettiq f'waqtu tal-programmi Ewropej. L-aħħar tbassir juri li r-riskju ta' diżimpenji possibbli ma għandux jaqbeż 0.7 % tal-impenji tal-2005 (madwar EUR 140 miljun).

Fl-2007, ir-rata ta' assorbiment tal-FEŻR għall-Istati Membri kollha laħqet 79 % tal-allokazzjoni finanzjarja globali tal-2000-2006. L-Istati Membri ġodda laħqu ċifri rekord ta' assorbiment, u fl-2007 rċevew EUR 3 biljun, kważi daqskemm tħallsu lura b'kollox fl-2004, 2005 u 2006 (EUR 3.5 biljun). Sa tmiem l-2007, dawn kienu laħqu konsum medju ta' 71 % tal-allokazzjonijiet finanzjarji tagħhom għall-perjodu 2004-2006, filwaqt li r-rata medja ta' assorbiment tal-FEŻR għall-UE 15 (il-perjodu 2000-2006) kienet ta' 85 %.

2.1.2. FSE

Ir-rata ta' eżekuzzjoni globali ta' approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet tal-FSE laħqet 99.9 %, filwaqt li l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet kien ogħla mis-sena li għaddiet.

L-impenji totali tal-FSE marbuta mal-programmi operattivi tal-2007-2013 ammontaw għal EUR 10.486 miljun (99.88 %). Il-krediti li fadal (EUR 13 163 237) li ma ġewx allokati fl-2007 jikkorrispondu għall-programm operattiv Franċiż "Ir-Reġjun ta' Martinique" li ma kienx mistenni li jiġi adottat fl-2007. Il-konsum kumulattiv ta' krediti ta' ħlas laħaq EUR 1 513-il miljun li jikkorrispondi għal 99.87 % tal-krediti annwali ta' ħlas (EUR 1 515-il miljun). Id-differenza (EUR 1 957 184.6) tikkorrispondi għall-ħlas bil-quddiem għall-programm operattiv Franċiż "Ir-Reġjun ta' Martinique" u se titħallas fl-2008.

Rigward l-applikazzjoni tar-regola "n+2", fi tmiem l-2007, tnax-il programm kienu involuti u EUR 92.2 miljun kienu kkonċernati. Ir-riskju ta' diżimpenji possibbli ma għandux jaqbeż 0.8 % tal-impenji tal-2005.

Il-ħlasijiet totali pendenti fuq impenji ta' qabel l-2007 fi tmiem l-2007 kienu ta' EUR 12-il biljun. Ir-RAL mill-perjodu ta' qabel l-2000 issa jammonta għal EUR 179 miljun (meta mqabbel ma' EUR 204.6 miljun fi tmiem l-2006).

2.1.3. FAEGG

L-ammont totali mħallas fl-2007 kien EUR 3.4 biljun. Ir-rata finanzjarja ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet tal-FAEGG (Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija) għal programmi ta' żvilupp rurali għall-perjodu 2000-2006 inksibet għal kollox 100 %.

Billi l-programmi operattivi ta' żvilupp rurali mhumiex parti mill-Fondi Strutturali fil-perjodu ġdid ta' programmar 2007-2013, hemm tnaqqis żgħir fl-ammont globali mħallas fl-2007 meta mqabbel mas-sena ta' qabel (jiġifieri EUR 3.6 biljun). Biex titwettaq l-eżekuzzjoni finanzjarja sħiħa, saru xi trasferimenti interni, l-aktar mill-Fond Agrikolu Ewropew ġdid għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Fl-2007, mhemm l-ebda impenn għal programmi ta' żvilupp rurali marbuta mal-perjodu 2000-2006.

Fi tmiem l-2007, l-impenji minn snin preċedenti li għalihom kien għad iridu jsiru ħlasijiet (RAL) ammontaw għal EUR 3.9 biljun, meta mqabbla ma' EUR 7.3 biljun fl-2006).

Fir-rigward tar-regola "n+2" (li tapplika fi tmiem l-2007 għal impenji li saru fl-2005 jew qabel) l-ewwel stimi juru li r-riskju ta' diżimpenji possibbli li jikkonċernaw il-fondi ta' żvilupp rurali huwa ta' madwar EUR 70 miljun.

2.1.4. SFGS

L-implimentazzjoni baġitarja fl-2007 kienet sodisfaċenti ħafna. Twettqu 97.5 % tal-approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet. Ir-rata tal-ħlas laħqet 96.44 % fir-reġjuni tal-Objettiv 1 u 99.96 % fir-reġjuni li mhumiex fl-Objettiv 1.

Ir-RAL totali għas-SFGS (Strument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd) fi tmiem is-sena 2007 laħaq EUR 811-il miljun (imqabbla ma' EUR 1 336 miljun fl-2006).

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-"regola n+2", l-istimi ta' diżimpenji huma madwar EUR 54 miljun għall-2007.

2.2. Implimentazzjoni tal-Programm

2.2.1. Objettiv 1

Il-programmi tal-Objettiv 1 ikkonċentraw l-investiment tagħhom fuq proġetti ta' infrastruttura bażika (41.4 %), fejn aktar min-nofs tal-investiment kollu f'din il-kategorija ntefaq fuq l-infrastruttura tat-trasport (53 %). Aktar minn terz (33.5 %) tar-riżorsi tal-Objettiv 1 ġew investiti fl-ambjent produttiv, fejn l-attenzjoni tibqa' fuq l-għajnuna lill-IŻM u s-settur tas-snajja' (28.6 %). Il-proġetti mmirati lejn ir-riżorsi umani jirrappreżentaw 23.2 % tar-riżorsi fir-reġjuni tal-Objettiv 1. L-interventi ewlenin f'dan il-qasam huma, kważi b'mod indaqs, politiki tas-suq tax-xogħol (31.3 %) u edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (31 %).

2.2.2. Objettiv 2

Fir-reġjuni tal-Objettiv 2, l-attenzjoni ewlenija tal-programmi tibqa' fuq l-ambjent produttiv b'aktar minn nofs ir-riżorsi finanzjarji kollha ddedikati għal din il-kategorija (55.8 %). F'dan il-qasam, l-għajnuna lill-IŻM u lis-settur tas-snajja' hija l-aktar intervent dominanti (56.6 %). It-tieni qasam l-aktar importanti ta' intervent huwa l-infrastruttura bażika, b'39.6 % tar-riżorsi kollha tal-Objettiv 2. Għall-kuntrarju tal-programmi tal-Objettiv 1, l-aktar oqsma importanti f'termini finanzjarji huma l-ippjanar u r-riabilitazzjoni taż-żoni (45.4 %). Fil-kategorija tar-riżorsi umani (10.1 % tal-investiment kollu fir-reġjuni tal-Objettiv 2), il-flessibilità tal-forza tax-xogħol, l-attivita' intraprenditorjali, l-innovazzjoni, l-informazzjoni u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni huma l-oqsma ewlenin ta' investiment (30.8 %).

2.2.3. Objettiv 3

L-enfasi ewlenija għall-implimentazzjoni tal-programm tal-FSE fl-2007 kompliet tkun l-appoġġ għall-Istrateġija Ewropea tal-Impjiegi, b'mod partikolari dawk il-miżuri mmirati biex itejbu l-impjegabilità fis-suq tax-xogħol (32 %), it-tagħlim tul il-ħajja (27 %) u l-opportunitajiet indaqs (6 %). Barra minn hekk, kien għad hemm differenza kbira fl-implimentazzjoni konkreta ta' programmi kif imkejla mill-implimentazzjoni finanzjarja, bejn l-UE15, fejn programmi li ilhom stabbiliti komplew jiġu implimentati, u l-UE10, fejn xi Stati Membri qed jesperjenzaw diffikultajiet konsiderevoli fit-twettiq ta' ċerti proġetti u miżuri.

2.2.4. Is-sajd barra mill-Objettiv 1

L-implimentazzjoni tal-politika strutturali fis-settur tas-sajd tjiebet fis-sena 2007. Dan ġie rifless fl-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi operattivi tas-SFGS, li kkontribwew għall-kisbiet tal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd.

2.2.5. Inizjattivi Komunitarji

2.2.5.1. INTERREG

Sa tmiem l-2007, il-81 programm INTERREG III jew dawk marbuta mal-viċinat kienu għażlu madwar 15 000 proġett u netwerk bl-għan li jnaqqsu l-effetti tal-fruntieri nazzjonali, ostakli lingwistiċi u differenzi kulturali u jiżviluppaw żoni qrib il-fruntiera, jappoġġjaw l-iżvilupp strateġiku u l-integrazzjoni territorjali f'żoni akbar tal-Unjoni u integrazzjoni aħjar mal-ġirien tagħha. L-effikaċja tal-politiki u strumenti ta' żvilupp reġjonali ġiet ukoll sostnuta permezz tal-qsim tal-aħjar prassi u l-iskambju ta' esperjenza.

Fl-2007, l-implimentazzjoni kompliet miexja 'l quddiem b'rata ta' eżekuzzjoni ta' ħlas ta' 68 %. Minħabba n-natura aktar speċifika u diffikultuża tal-programmi u l-proġetti ta' kooperazzjoni, id-diżimpenji minħabba r-regola "n+2" ma setgħux jiġu evitati għal xi programmi.

2.2.5.2. EQUAL

Fl-2007, kompla jsir progress tajjeb bl-implimentazzjoni tas-27 programm u aktar minn 3 300 proġett taħt EQUAL. Fir-rigward tal-implimentazzjoni finanzjarja, sitt Stati Membri ma setgħux jużaw parti (bejn 8 % u 49 %) mill-impenn baġitarju tagħhom tal-2005 (ir-regola "n+2").

Biex tagħmel l-aħjar użu mir-riżultati tal-programmi u l-proġetti EQUAL billi tinforma l-politika u l-prassi, inkluża l-istruttura tal-programmi nazzjonali u reġjonali tal-FSE għall-perjodu ta' programmar 2007-2013, il-Kummissjoni bi sħab mal-Istati Membri kompliet il-ħidma li tnediet fl-2006. Din il-ħidma kopriet kwistjonijiet ta' politika rilevanti bħal dawk li jitolbu refuġju, id-diversità u l-għoti tas-setgħa, l-impjiegi għaż-żgħażagħ, ir-(ri)integrazzjoni ta' dawk li wettqu xi offiżi, l-ekonomija soċjali, il-ħolqien inklużiv tan-negozju, il-mezzi tax-xandir u d-diversità, flimkien mal-prinċipji ta' tmexxija (sħubija, kooperazzjoni tranżnazzjonali, innovazzjoni u integrazzjoni tas-sessi).

2.2.5.3. URBAN

Fl-2007, l-amministrazzjoni tal-71 programm operattiv li jimplimentaw l-Inizjattiva Komunitarja tal-URBAN kompliet permezz tal-analiżi tar-rapporti annwali, kumitati ta' monitoraġġ u laqgħat annwali. Ġie żgurat segwitu attiv għall-programm URBACT I, inkluża t-tnedija ta' żewġ netwerks bi prova Fast Track. Il-programm URBACT II, wieħed mill-istrumenti ewlenin għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva tar-Reġjuni għal Bidla Ekonomika, ġie approvat u mniedi. URBACT żviluppa 20 netwerk u sitt gruppi tematiċi ta' ħidma, kif ukoll gruppi ta' ħidma li jgħaqqdu diversi netwerks madwar tema partikolari.

2.2.5.4. LEADER+

L-Inizjattiva Komunitarja LEADER+ tikkonsisti fi tliet azzjonijiet: l-implimentazzjoni ta' strateġiji lokali ta' żvilupp permezz ta' sħubija pubblika u privata, kooperazzjoni bejn territorji rurali u netwerking. 73 programm tal-LEADER+ għall-UE 15 ġew approvati għall-perjodu 2000-2006. L-Istati Membri li

ssieħbu fl-UE dan l-aħħar kellhom l-għażla li jintegraw miżuri tat-tip Leader+ fil-programmi FAEGG tal-Objettiv 1.

2.2.6. Azzjonijiet innovattivi

2.2.6.1. FEŻR

Id-DĠ għall-Politika Reġjonali mexxa wkoll 122 Programm Reġjonali ta' Azzjonijiet Innovattivi (li minnhom 26 ingħalqu fl-2007) li jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' innovazzjoni f'livell strateġiku fir-reġjuni, billi jesperimentaw b'metodi u prassi innovattivi maħsuba biex itejbu l-livell ta' innovazzjoni u l-kwalità tal-għajnuna tal-UE taħt tliet temi: għarfien u innovazzjoni teknoloġika, soċjetà tal-informazzjoni u żvilupp sostenibbli.

2.2.6.2. FSE

Matul l-2007, ingħalqu s-sitt proġetti li fadal marbuta mas-sejħa għall-proposti "Strateġiji Lokali għall-Impjiegi u Innovazzjoni". Id-DĠ EMPL mexxa wkoll 80 proġett tranżnazzjonali magħżula taħt it-tliet sensiliet tal-aħħar sejħa dwar "Strateġiji innovattivi għall-amministrazzjoni tal-bidla" (22 ingħalqu fl-2007). Tali proġetti jappoġġjaw l-iżvilupp u l-ittestjar ta' azzjonijiet innovattivi biex jantiċipaw u jamministraw il-bidla fuq żewġ oqsma ta' prijorità: l-amministrazzjoni ta' ristrutturar u l-amministrazzjoni tal-bidla demografika. Barra minn hekk, 13-il proġett (li minnhom ħamsa ngħalqu fl-2007) huma mmirati lejn l-integrazzjoni tar-riżultati ta' proġetti magħżula qabel taħt is-sejħa dwar "It-trasferiment u t-tixrid tal-innovazzjoni mill-proġetti tal-Artikolu 6 tal-FSE".

2.2.6.3. SFGS

Id-DĠ għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd mexxa 29 proġett ta' azzjoni innovattiva (li minnhom l-aħħar tnejn ingħalqu fl-2007).

3. KONSISTENZA U KOORDINAZZJONI

3.1. Konsistenza ma' politiki Komunitarji oħra

3.1.1. Kompetizzjoni

Wara d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 1083/2006, l-istrateġija għall-kontroll ta' kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat fl-interventi tal-Fondi Strutturali ġodda hija fundamentalment differenti mill-istrateġija applikata għall-perjodu ta' programmar 2000-2006. Skont il-qafas leġiżlattiv ġdid, ir-responsabbiltà sħiħa għall-konformità tal-operazzjonijiet tal-Fondi Strutturali mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat hija tal-Istat Membru, u b'mod partikolari, tal-Awtoritajiet Amministrattivi. L-istrateġija ġdida, madankollu, bl-ebda mod ma taffettwa l-possibbiltà tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni inkluż l-eżami tal-miżura allegatament mhux notifikata jew l-irkupru ta' għajnuna mhux notifikata u mhux kompatibbli li hi kofinanzjata mill-Fondi Strutturali.

3.1.2. Is-suq intern

L-Istati Membri huma mitluba wkoll li jivverifikaw li l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi jikkonformaw mad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku tal-UE. Meta l-Kummissjoni tiġi infurmata dwar xi ksur tal-leġiżlazzjoni tal-KE jew fejn il-verifika turi li dan huwa l-każ, tittieħed azzjoni xierqa. Qafas regolatorju ġdid għal-liġi tal-akkwist pubbliku u l-għoti ta' konċessjonijiet ġie introdott biex jipprovdi ċertezza legali akbar kemm għas-settur privat kif ukoll għal dak pubbliku.

3.1.3. L-ambjent

B'rabta mal-programmi li għaddejjin, l-attenzjoni baqgħet fuq l-appoġġ tal-konformità mal-acquis tal-Komunità fil-qasam tal-ilma urban mormi, il-provvista tal-ilma, l-immaniġġjar tal-iskart u l-appoġġ tal-bijodiversità. L-ekoinnovazzjoni u r-riabilitazzjoni ta' ħamrija mniġġsa kienu oqsma importanti oħra ta' investiment. Il-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli kompliet permezz ta' investimenti fi trasport u enerġija li jħarsu l-ambjent, kif ukoll bl-introduzzjoni ta' kriterji ambjentali fl-għażla tal-proġett, u billi tiżgura b'mod proattiv il-konformità tal-proġetti mal-leġiżlazzjoni ambjentali.

3.1.4. Trasport

Il-programmi ta' koeżjoni jibqgħu s-sors ewlieni ta' appoġġ Komunitarju għat-twettiq tal-prijoritajiet tal-UE fis-settur tat-trasport, kif ġew introdotti fil-White Paper "Politika Ewropea tat-trasport għall-2010: wasal il-waqt li niddeċiedu" u r-reviżjoni intermedja tagħha ppubblikata fl-2006. Għaldaqstant, il-Fondi ntużaw fi proġetti TEN-T kif ukoll fi proġetti li jappoġġjaw il-komodalità, l-effiċjenza tal-enerġija fit-trasport, is-sistemi ta' trasport intelliġenti, il-mobilità tat-trasport urban.

3.1.5. L-ugwaljanza bejn is-sessi

Il-Kummissjoni ħadmet fuq l-implimentazzjoni tal-"Pjan għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel", li jirrifletti l-impenn tal-Kummissjoni għal din il-kwistjoni. F'dan il-kuntest, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tas-sessi kienet kwistjoni orizzontali diskussa għall-programmi kollha fil-Perjodu tal-Politika ta' Koeżjoni ġdida 2007-2013. Laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni tas-Sessi fil-Fondi Strutturali f'Ġunju 2007 enfasizzat l-importanza li jiġu involuti entitatjiet għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-programmi.

3.2. Koordinazzjoni ta' strumenti

3.2.1. Il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni

Fl-2000-2006, il-25 Stat Membru kollha bbenefikaw mis-sostenn tal-Fondi Strutturali, filwaqt li 13-il Stat Membru bbenefikaw mill-Fond ta' Koeżjoni li jgħin lill-pajjiżi anqas prosperi. Il-Fondi Strutturali ġew ikkoordinati bir-reqqa bejniethom, u rigward il-Fond ta' Koeżjoni (b'mod partikolari l-FEŻR), biex tiġi evitata d-duplikazzjoni fil-proġetti appoġġjati.

3.2.2. Il-Fondi Strutturali u l-EIB/EIF

Fil-qafas ta' JASPERS (Għajnuna Konġunta fl-Appoġġ għall-Proġetti f'Reġjuni Ewropej), pjanijiet ta' azzjoni (programmi ta' ħidma) għall-2007 kienu miftehma mal-UE 12 sa nofs is-sena.

L-inzjattiva ġdida JEREMIE (Riżorsi Konġunti Ewropej għall-Intrapriżi Mikro sa Medji) bl-iskop li ttejjeb l-aċċess għall-finanzi għal IŻM fir-reġjuni, bdiet l-ewwel sena b'suċċess fl-2007, filwaqt li ntużat minn reġjuni, awtoritajiet ta' ġestjoni, kif ukoll fin-negozji u s-setturi bankarji.

L-inizjattiva JESSICA (Appoġġ Konġunt Ewropew għall-Investiment Sostenibbli f'Żoni ta' Bliet), li tiffoka fuq l-investiment sostenibbli, it-tkabbir u l-impjiegi fiż-żoni urbani tal-Ewropa, tintroduċi bidla kulturali fil-mod kif jitwassal l-appoġġ tal-Fondi Strutturali, filwaqt li tħeġġeġ forom riċiklabbli ta' għajnuna u tmur lil hinn minn serħan eskluživ fuq l-għotjiet.

4. VALUTAZZJONIJIET

Fl-2007, il-Kummissjoni kompliet twettaq valutazzjonijiet biex tappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet skont il-Politika ta' Koeżjoni u kkontribwiet għall-kwalità tal-programmi għall-perjodu 2007-2013.

Il-valutazzjonijiet li tlestew fl-2007 kienu analiżi tal-impatt ta' Politika ta' Koeżjoni, studju dwar l-iżvilupp tal-kapaċità ta' valutazzjoni fl-Istati Membri u studju dwar l-impatt ekonomiku ta' konverġenza. Il-Kummissjoni nediet ukoll il-valutazzjoni ex-post tal-Objettivi 1 u 2 għall-perjodu 2000-2006, sett ta' total ta' 12-il "pakkett ta' ħidma" maqsuma f'fażijiet marbuta ma' xulxin biex tesplora l-aspetti differenti tal-effikaċja u l-effiċjenza tal-Politika ta' Koeżjoni. Fir-rigward tal-valutazzjoni *ex-post* tal-programmi 2000-2006 tal-FSE, żewġ studji preparatorji biex tinġabar informazzjoni essenzjali ġew ippjanati bir-reqqa fl-2007.

Għall-evalwazzjoni tar-riżultati u l-impatti attwali tal-interventi tal-FSE, ġew stabbiliti sistemi ta' monitoraġġ u arranġamenti ta' valutazzjoni ġodda fil-livell nazzjonali taħt il-gwida tas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-valutazzjoni tal-Inizjattiva Komunitarja EQUAL kompliet tidentifika matul l-2007 il-prassi innovattivi ta' suċċess li jistgħu jiġu integrati fil-programmi tal-FSE.

5. KONTROLLI

5.1. FEŻR

Għall-perjodu ta' programmar 1994-1999, tlestew verifiki tal-għeluq fuq kampjun ta' 56 programm prinċipali u programm INTERREG wieħed li jkopri l-Istati Membri kollha tal-UE15. Ingħalqu 18-il inkjesta u ġew applikati korrezzjonijiet li jammontaw għal EUR 23.9 miljun (inkluża deċiżjoni formali tal-Kummissjoni ta' EUR 9.6 miljun).

Għall-perjodu 2000-2006, il-verifiki jinkludu żewġ fażijiet: reviżjoni tas-sistema u l-verifika ta' kampjun ta' proġetti magħżula fuq bażi rappreżentattiva. Il-ħidma ta'

verifika fuq il-post li kienet ippjanata fil-bidu ġiet konkluża sa tmiem l-2006 għall-UE15 u sa tmiem l-2007 għall-UE10. Verifiki addizzjonali fuq 25 programm twettqu fl-2007 biex jestendu l-kopertura jew jindirizzaw riskji speċifiċi fejn din il-ħtieġa kienet ġiet identifikata mir-riżultati ta' verifika, jew biex issegwi l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni. Fi tmiem l-2007, 214-il missjoni ta' verifika (li minnhom 13 huma INTERREG) kienu twettqu u 95 programm b'61 % tal-kontribuzzjoni ppjanata tal-FEŻR kienu ġew ivverifikati.

5.2. FSE

Għall-perjodu ta' programmar 1994-1999, ingħalqu seba' programmi fl-2007, li minnhom wieħed ma ġiex ikkoreġut, u ħamsa kellhom korrezzjoni totali ta' EUR 3.4 miljun (BE, ES, FR, IT u UK). Matul l-istess perjodu, inbdew erba' proċeduri li jammontaw għal EUR 13-il miljun rigward tliet Stati Membri (BE, DE, u UK).

Għall-2000-2006 ġew organizzati 95 missjoni ta' verifika li nvolvew il-verifika ta' (a) programmi operattivi mhux verifikati (parzjalment, jew kompletament) identifikati fl-analiżi tar-riskju tal-2007, kif ukoll (b) missjonijiet ta' segwitu dwar l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-unità ta' verifika tal-FSE, jew dwar ir-riżultati tal-verifiki mwettqa mill-QEA (Qorti Ewropea tal-Awdituri). Il-proċess ta' ttestjar sostantiv twettaq fl-2007, filwaqt li kopra 433 proġett permezz ta' reviżjonijiet dokumentarji u 270 permezz ta' żjarat fuq il-post. Il-kopertura kumulattiva (f'ammonti) tal-perjodu ta' programmar tal-2000-2006, inkluża kopertura addizzjonali minn verifiki nazzjonali, laħqet 98.9 %. Bħalissa, il-verifika ta' 520 proġett matul 20 verifika hija ppjanata għall-2008.

5.3. FAEGG

Fir-rigward tal-perjodu 1994-1999, il-programma ta' verifika *ex-post* kien diġà tlesta fl-2006. Erba' deċiżjonijiet ta' korrezzjoni finanzjarja li jkopru 12-il programm ġew adottati mill-Kummissjoni matul is-sena.

Għall-perjodu 2000-2006 (UE25), 19-il programm li jkopru 18 % tan-nefqa ppjanata ġew verifikati fl-2007. Sa tmiem is-sena, total ta' 87 programm mill-152 programm approvat tal-FAEGG-Gwida kienu ġew soġġetti għal verifika. Il-programmi verifikati jkopru 92 % tal-kontribuzzjoni ppjanata tal-FAEGG u 57 % tan-numru ta' programmi. Deċiżjoni waħda ta' korrezzjoni finanzjarja li tkopri programm wieħed ġiet adottata mill-Kummissjoni matul is-sena.

5.4. SFGS

Is-settur ta' kontroll ex-post wettaq total ta' għaxar kontrolli fuq il-post matul l-2007 għas-SFGS. L-għaxar verifiki tas-SFGS li twettqu fl-2007, li jkopru 12-il programm operattiv, iffokaw fuq il-verifikazzjoni u s-segwitu tat-tħaddim effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-perjodu 2000-2006.

B'kollox, il-verifiki tas-sistemi tad-DĠ MARE koprew 93.6 % tal-kontribuzzjoni totali tas-SFGS għall-2000-2006. Għall-programmi l-oħra, l-assigurazzjoni tinkiseb minn ħidma ta' verifika u/jew verifiki nazzjonali ta' DĠ oħra tal-Fondi Strutturali.

5.5. OLAF

Matul l-2007, OLAF wettaq 37 missjoni fl-Istati Membri marbuta ma' miżuri kofinanzjati mill-Fondi Strutturali. Madwar 19 minn dawn il-missjonijiet kienu jikkonċernaw kontrolli fuq il-post[3] (li matulhom twettqu 26 kontroll fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi) u 18-il tip ieħor ta' missjonijiet twettqu biex jiġbru informazzjoni jew biex jgħinu jew l-amministrazzjonijiet nazzjonali jew l-awtoritajiet ġudizzjarji.

Fl-2007, l-Istati Membri kkomunikaw lill-Kummissjoni, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1681/94[4], madwar 3 740[5] notifika ta' irregolaritajiet li jinvolvu EUR 717 431 387 li jaffettwaw miżuri kofinanzjati tal-perjodi ta' programmar tal-1994-1999 u l-2000-2006. 124 notifika jikkonċernaw il-perjodu ta' programmar 1994-1999 b'impatt finanzjarju ta' kważi EUR 33 miljun. L-Istati Membri informaw lill-Kummissjoni li l-proċeduri amministrattivi u/jew ġudizzjarji ġew konklużi fuq livell nazzjonali għal numru ta' każijiet u ġie rkuprat ammont ta' EUR 153 465 848.

6. KUMITATI LI JGĦINU LILL-KUMMISSJONI

6.1. Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-Fondi (COCOF)

Ġie stabbilit Kumitat ġdid ta' Koordinazzjoni tal-Fondi (COCOF) biex jipprovdi forum biex jippreżenta u jiddiskuti d-dokumenti interpretattivi tal-Kummissjoni bl-għan li jaqsam il-fehmiet mal-Istati Membri. Fl-2007, it-temi ewlenin diskussi kienu l-ispejjeż eliġibbli fil-perjodu 2007-2013, il-Grupp Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali, diversi noti ta' gwida dwar l-Istrateġija ta' Verifika u l-Evalwazzjoni ta' Konformità, u studju dwar in-nefqa reġjonali tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni.

6.2. Il-Kumitat tal-FSE

Fil-Kumitat tal-FSE (Kumitat skont l-Artikolu 147 tat-Trattat), ġiet diskussa l-implimentazzjoni tal-FSE, u aktar speċifikament il-viżibilità tal-FSE, kif ukoll ir-rwol tal-Kumitat tal-FSE u l-valutazzjonijiet tematiċi 2000-2006 dwar ir-ristrutturar tal-ġestjoni u l-bini ta' kapaċità amministrattiva. Il-Grupp Tekniku ta' Ħidma ġie informat dwar il-qagħda attwali tal-adozzjonijiet tal-Programmi Operattivi 2007-2013. Dan iddiskuta fost l-oħrajn kwistjonijiet ta' verifika u kontroll, kwistjonijiet ta' valutazzjoni, ir-regola "n+2" u aspetti ta' semplifikazzjoni, inkluża r-regola tar-rata fissa rigward id-dikjarazzjoni ta' spejjeż indiretti u l-offerti għal kuntratti pubbliċi.

6.3. Kumitat dwar l-Istrutturi Agrikoli u l-Iżvilupp Rurali (STAR)

Il-Kumitat STAR ta opinjoni favorevoli dwar l-emenda ta' programm wieħed ta' żvilupp rurali (il-programm SAPARD għall-Kroazja) skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999.

---

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 2185/1996, ĠU L 292, 15.10.1996, p. 2.

[4] ĠU L 178, 12.07.1994, p. 43

[5] 2006: numru ta' każijiet ikkomunikati 2 988; ammont globali relatat mal-komunikazzjonijiet EUR 516 697 561

6.4. Kumitat dwar l-Istrutturi għas-Sajd u l-Akkwakultura (KSSA)

Fl-2007, il-Kumitat ġie kkonsultat dwar għadd ta' kwistjonijiet: l-Abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3440/84 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għal ċerti gangmi għal bastimenti li jħaddmu sistemi ta' ppumpjar abbord; l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-programmi ta' kontroll, spezzjoni u sorveljanza tas-sajd tal-Istati Membri għall-2007 (it-tieni pagament); l-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1966/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar elettroniku tal-attivitajiet tas-sajd u dwar il-mezzi ta' teleditezzjoni; l-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri għall-ħatt l-art u l-użin ta' aringi, kavalli u sawrell; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd.